# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 3 ta' Frar 2000**

**Numru**

**Citaz. numru 527/88 JF**

**Alfred SAMMUT**
**vs**
**Sammy MEILAQ fil-kwalita' tieghu ta' Chairman tal-Kunsill tat-Tarzna u bhala tali ghan-nom u in rappresentanza ta' Malta Drydocks.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Premess li l-attur huwa mpjegat fit-Tarzna ta' Malta u ghal snin shah qabel l-1979 kien okkupa l-grad ta' "welder-burner";

Premess li l-attur f'tliet incidenti separati fuq il-post tax-xoghol tieghu sofra griehi waqt il-qadi tad-dmirijiet tieghu, u dana kif jirrizulta b'mod aktar preciz waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Billi fl-1979 il-Bord Mediku tat-Tarzna rrakomanda li x-xoghol ta' "welder-burner" ma jibqax jigi assenjat lill-attur u minflok huwa gie assenjat ix-xoghol ta' sewwieq ta' "heavy plant machinery" maghruf bhala Mercury Tractor.

Premess li fl-1983, l-attur beda jircievi paga mnaqqsa b'madwar sitt liri (Lm6) kull hmistax u dana minghajr qatt ma ta il-kunsens tieghu ghal dan kif ukoll qed jigi eskluz minn xoghol ta' overtime li bi dritt imiss lilu u dana minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Premess li meta pprotesta dwar dan l-agir tal-Management tat-Tarzna mal-Kumitat tax-Xoghol, mas-Segretarju tat-Taqsima tal-Metall tal-General Workers Union li taghha huwa kien membru, u max-Shopsteward huwa gie moghti ragun verbalment;

Premess li kemm it-tnaqqis fil-paga kif ukoll l-eskluzzjoni tieghu mill-pool tal-overtime jikkostitwixxu bdil unilaterali tal-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-attur;

Premess li meta sar, dan it-tibdil kien imur ukoll kontra l-artikolu 25 (15) tal-Conditions of Employment (Regulation) Act, 1952, billi tali bdil l-anqas ma sar bil-kunsens bil-miktub tad-Direttur tax-Xoghol;

Premess li ghalkemm interpellat sabiex l-attur jigi mqieghed fl-istatus quo ante, l-konvenut baqa' inadempjenti;

TALAB il-konvenut li dina l-Qorti:

1. tiddikjara illi l-attur ghandu dritt ghall-istess paga li kellu bhal meta kien "Welder-Burner", u dana minhabba illi l-kondizzjonijiet tax-xoghol tieghu gew mibdula, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, llegalment (2) konsegwentement ukoll tiddikjara illi l-attur ghandu dritt illi jippartecipa fil-pool tal-overtime bhal qabel il-bdil tal-kondizzjonijiet tax-xoghol tieghu kif fuq inghad.

B'riserva ta' kull azzjoni ghal-likwidazzjoni ta' kwalunkwe hlas lilu dovut bhala rizultat tal-akkoliment taz-zewg talbiet tieghu hawn fuq imsemmija u hlas konsegwenzjali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-15 ta' Dicembru, 1983 kontra l-konvenut.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Sammy Meilaq nomine fejn eccepixxa:

1. In-nullita' tac-citazzjoni a tenur tal-artikolu 789 (1) (d) tal-Kodici tal-Procedura Civili, oltre f'kull kaz in-nullita' tan-notifika tal-istess citazzjoni.

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi bazati fuq fatti zbaljati.

3. Illi l-attur gie moghti l-impieg bhala 'mercury truck driver" flok dak ta' "welder-burner" fuq talba tieghu stess. Konsegwentement huwa llum jithallas skond is-"salary structure" tal-kumpanija tal-impieg li ghandu. Ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi rigettata.

4. Illi dwar l-"overtime", dan jigi assenjat minn kull dipartiment tas-socjeta' konvenuta skond l-esigenzi u d-disponibilitajiet ta' kull taqsima kif ukoll skond il-bzonn tal-impieg partikolari. Ma teziztix 'pool tal-overtime' kif qed jindika l-attur. Ghalhekk l-attur ma ghandu ebda dritt ghall-overtime, u wisq anqas jista' jippretendi li jippartecipa fl-overtime ta' haddiehor.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, l-lista tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament in-nota ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti, is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc kif dakinhar diversament ippresjeduta u moghtija fis-7 ta' Lulju 1989 fejn giet michuda t-talba tal-attur bl-ispejjez bla taxxa, u dik sussegwenti, moghtija mill-Qorti tal-Appell, moghtija fit-22 ta' Jannar 1992 li baghtet l-atti lura lil din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni, spejjez bla taxxa, u dana billi ddisponiet mill-Appell intavolat quddiema mill-attur billi irriteniet li:

> "in vista tal-premess tiddikjara illi l-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza appellata, ma qiesetx il-premessi kollha lilha maghmulha u l-eccezzjonijiet relativi".

Illi, ricevuti l-atti, din il-Qorti ghaddiet biex tisma' l-provi kollha prodotti quddiemha.

Trattata l-kawza bil-mod kif hemm ivverbalizzat fl-atti.

Ikkunsidrat li fl-ewwel lok, din il-Qorti thossha fid-dmir li tirrileva s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, kif dakinhar ippresjeduta, u li inforza taghha l-atti jew rimessi quddiem din il-Qorti ma kienetx esplecita hafna, u xejn anqas felici, fil-mod kif hija elaborat id-decizzjoni taghha fis-sens li hija ma qalitx espressament jekk xi parti mis-sentenza tal-Ewwel Qorti kienetx valida jew le, pero' fl-istess waqt ghandu jigi rilevat lil-Qorti tal-Appell irriteniet kwantu segwe, u dana inter alia.

> "...illi qed jigi sostnut fil-petizzjoni ta' l-Appell huwa illi una volta d-dritt gie abrogat fl-ahhar tas-sena 1987, l-attur ghandu dejjem id-dritt illi jiehu d-differenza fil-paga bejn l-1 ta' Awissu 1983 u l-31 ta' Dicembru 1987;
>
> "Il-Qorti tal-Kummerc assumiet certu fatti kif prospettati mill-attur u ma dahlitx fil-meritu;

> "Din il-Qorti tikkonsidra, illi l-lanjanzi u motivazzjonijiet tac-citazzjoni attrici ma humiex biss konnessi mal-ksur allegat ta' l-Artikolu 34 (21) tal-Kapitolu 135;
>
> "Hemm ukoll allegazzjonijiet konnessi ma provvedimenti aktar generici, cioe' fejn qed jigi allegat li l-paga ta' l-attur tnaqqset minghajr il-kunsens tieghu u hemm l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine relativi ghall-istess;
>
> "Dan il-punt ma gie bl-ebda mod diskuss mill-Qorti tal-Prim Istanza (recte Qorti tal-Kummerc) li kellha d-dover li teskogita u tiddeciedi dan il-punt ukoll una volta illi dan gie postulat lilha".

Illi minhabba ukoll fil-mod kif il-kawza giet deciza mill-Qorti tal-Appell ghal dik li hija dicitura, din il-Qorti thoss li ghandha tesprimi ruhha mill-gdid u bl-istess mod ta' dak gja ritenut fis-sentenza appellata li kwantu ghall-ewwel lanjanza tal-attur fuq il-presuppost ta' nuqqas ta' tharis tal-artikolu 34 (21) tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta ma jreggix billi mill-provi akkwiziti ma jirrizultax li dan safa' mgedded wara l-31 ta' Dicembru 1987.

Illi mill-provi kollha li nstemghu, kemm quddiem il-Qorti tal-Kummerc u kemm quddiem din il-Qorti, jirrizulta li l-attur, wara li kien lahaq grad fl-impieg mal-korporazzjoni konvenuta bhala "welder-burner", talab ghal aktar minn darba sabiex jinghata impieg "inferjuri" - bhala grad ta' xoghol bhala "mercury 'truck-driver". Ghall-ewwel jidher li t-talba tieghu ma gietx milqugha, izda f'Marzu 1979, wara aktar insistenza, t-

talba tieghu intlaqghet. Illi ghalkemm l-attur beda jahdem fi grad inferjuri ghal dak li kellu qabel bhala "burner/welder" billi issa sar truck-driver l-attur baqa' jircievi l-istess salarju li kellu qabel.

Illi jirrizulta li din is-sitwazzjoni anomala kif fuq spjegata - xoghol inferjuri, hlas l-istess bhal qabel, giet mibdula b'decizzjoni tal-konvenut f'Awissu 1983, liema decizzjoni kienet parti minn ftehim kollettiv milhuq bejnha, il-Gvern u l-Unjons rapprezentanti l-haddiema (kompriz allura l-attur). B'rizultat ta' din il-bidla, l-paga ppercepita mill-attur giet imnaqqsa biex tkun konformi u kompatibbli max-xoghol inferjuri li kien qed jaghmel, wara li kienet intlaqghet it-talba tieghu ghal bdil fix-xoghol li kien jaghmel.

Illi l-attur jikkontendi li t-tibdil li sehh fil-kundizzjonijiet tal-paga gew imposti fuqu, mertu l-provi juru li kollox kien jifforma parti minn ftehim industrijali kollettiv bejn il-partijiet ikkoncernati - Gvern, Korporazzjoni tat-Tarzna u Unjons. Kien gie miftiehem li l-pagi kellhom jirriflettu x-xoghol li kien qed jinghata. Jirrizulta li saru u gew implimentati eccezzjonijiet f'zewg kazi biss: ghal ragunijiet medici u minhabba f'esigenzi min-naha tal-Korporazzjoni stess. Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni, l-attur ipprova ripetutament jitlob li jigi meqjus taht l-eccezzjoni bbazata fuq ragunijiet ta' mard jew sahha imma t-tobba li kkonsulta dehrilhom li mhux talli l-attur ma kellux mard li kien jintitolah biex jigi kkunsidrat fuq il-bazi ta' haddiema ohrajn f'din il-kategorija imma talli jinghad f'wiehed minn dawn ic-certifikati li "he (i.e. l-attur) is using that accident as excuse" u dana billi l-attur f'dik l-okkazzjoni ttanta jiehu vantagg minn incident minuri li kellu fuq il-lant

tax-xoghol (ara dokumenti medici a fol 53 u 54 tal-process). Kwindi, anki meta l-attur xehed li saret diskriminazzjoni fil-konfront tieghu ma kientx tregi ghax il-provi mhux hekk juru. Certament l-attur ma jistax jishaq hafna fuq l-aspett ta' imposizzjoni arbitrarja da parti tal-principal tieghu. Dan qieghed jinghad mhux biss ghar-raguni li kien l-attur stess li talab li jinghata xoghol fi grad inferjuri imma wkoll il-ghaliex wara li ripetutament, anki fil-pendenza tal-proceduri, sarulu bosta inviti biex jirritorna fil-grad ta' "welder-burner" biex b'hekk jibda jiehu mill-gdid il-paga oghla li kellu qabel, l-attur baqa jistina rasu billi jirrifjuta.

Illi dwar it-talba l-ohra fis-sens li l-attur kien intitolat ukoll biex jippartecipa fil-"pool" tas-sahra, l-provi prodotti ma jwasslu imkien. Anzi jirrizulta li l-ebda "pool" fis-sens indikat mill-attur ma ezista u allura ma jirrizultax l-anqas li din it-talba giet sufficjentement ippruvata.

Il-konvenut issolleva wkoll il-preskrizzjoni fil-kaz li jirrizulta li l-attur kellu fl-imghoddi xi dritt ghal xi hlas addizzjonali, imma billi gja rrizulta mill-korp ta' din id-decizzjoni li l-attur ma kien haqqu ebda hlas jew hlasijiet kif minnu pretiz, mhuwiex il-kaz li l-Qorti tinvesti wkoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, tichad it-talbiet kollha ta' l-attur bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghu.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AH.